MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1657/2004

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Mario Camilleri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm328.82c (tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut skond Client Contract Number 8298 in rigward ghal servizzi lilu rezi u dana fix-xhur bejn Ottubru 2003 u Jannar 2004.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm328.82c (tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------